

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/590

tal-11 ta' April 2016

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 21), li saret f'Pariġi mit-30 ta' Novembru sat-12 ta' Diċembru 2015, ġie adottat it-test ta' ftehim dwar it-tisħiħ tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima. Il-Ftehim ta' Pariġi ser jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data li fiha tal-inqas 55 parti għall-Konvenzjoni li b'kollox jikkostitwixxu ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet totali tal-gass b'effett ta' serra, ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adegżjoni. Il-partijiet għall-Konvenzjoni jinkludu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (2) Il-Ftehim, fost l-oħrajn, jistabbilixxi mira fit-tul skont l-oġettiv biex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ħafna taħt iż-2 °C aktar mil-livelli pre-industrijali u biex jitkoplew l-isforzi biex tinżamm sa 1,5 °C aktar mil-livelli pre-industrijali. Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-Partijiet ser iħejju, jikkomunikaw u jżommu kontributi suċċessivi determinati fil-livell nazzjonali.
- (3) Fis-6 ta' Marzu 2015, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kkomunikaw il-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali tagħhom, li jipprovdi impenn għal mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990, kif stipulat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.
- (4) Il-Ftehim hu miftuħ għall-iffirmar fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York mit-22 ta' April 2016 sal-21 ta' April 2017.
- (5) Il-Ftehim huwa f'konformità mal-oġettivi ambjentali tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 191 tat-Trattat, jiġifieri s-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-għieda kontra t-tibdil fil-klima.
- (6) Teżisti leġislazzjoni tal-Unjoni li timplimenta wħud minn dawn l-oġettivi. Parti minn din il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni ser ikollha tiġi riveduta biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim.
- (7) Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Pariġi għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ⁽¹⁾ huwa b'dan awtorizzat.

L-iffirmar għandu jseħħ fi New York fit-22 ta' April 2016, jew mill-aktar fis possibbli wara.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jfirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' April 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M.H.P. VAN DAM

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.